# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Marzu, 2020.**

**Numru 24**

**Rikors numru 92/07 PC**

**Nazzareno u Pauline konjuġi Xuereb**

**v.**

**Angelo Cauchi**

**Il-Qorti:**

1. Il-konvenut appella minn ordni li tat il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri fil-kawża **Nazzareno Xuereb et v. Angelo Cauchi** (92/2207) li ġiet deċiża b'sentenza tat-18 ta' Lulju, 2014 u li biha ġie deċiż:

> *"(1) Tilqa' l-ewwel talba limitatament in kwantu qegħda tiddikjara li l-konvenut ikkommetta spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tal-atturi meta huwa, mingħajr il-kunsens tal-atturi, għalaq u imblokka permezz ta' kantuni l-mogħdija li minnha huma kienu jgħaddu għall-għalqa tagħhom 'Ta' Nawrata' li qegħda fil-limiti tal-Għarb, Għawdex b'tali mod u manjiera li għalqilhom l-aċċess għal din l-għalqa tagħhom;*
>
> *"(2) Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lill-konvenut sabiex fi żmien ġimgħatejn mid-data tas-sentenza jispurga l-ispoll vjolenti u klandestin minnu kommess billi jerġa jpoġġi kollox fl-istat prestinu tiegħu u dana a spejjeż tiegħu, taħt id-direzzjoni tal-perit AIC Stephen Mangion;*
>
> *"(3) Tiċħad it-tielet talba fejn qed jintalab li jekk ir-reintegrazzjoni kompleta tal-ispoll kommess mill-konvenut mhux possibbli, huwa jiġi kkundannat iħallas somma flus in linea ta' ħsarat, u dan in vista tal-fatt li ma tressqux provi f'dan is-sens".*

2. F'seduta li saret fit-23 ta' Mejju, 2019 quddiem l-ewwel Qorti, fil-verbal tniżżel:

> *"Il-Qorti wara li rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Marzu 2019, u fiċ-ċirkostanzi fejn il-ħajt meritu ta' din il-kawża laħaq waqa' wara li ngħatat sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-18 ta' Lulju 2014 fejn ordnat ir-reintegrazzjoni tal-ispoll, hija l-fehma tagħha li l-unika mod kif tista' ssir din ir-reintegrazzjoni huwa billi jerġa jittella' dan il-ħajt a spejjeż tal-konvenut sa fejn jilħaq il-livell tal-wiċċ tal-art tiegħu u a spejjeż komuni tal-partijiet minn dan il-livell 'il fuq".*

3. B'rikors preżentat fid-29 ta' Mejju, 2019 il-konvenut appella minn dik l-ordni bl-aggravji jkunu:

   i. Il-ħajt diviżorju iġġarraf minħabba l-maltemp matul ix-xitwa. Meta ġġarraf kwalsiasi spoll li kien jeżisti bil-ġebel li kienu

mibnija fuq dan il-ħajt spiċċa u għosfor kompletament. Għalhekk ma bażа jeżisti l-ebda spoll.

ii. L-ewwel Qorti ma ddeċidietx dwar il-mod kif l-atturi kellhom jerġgħu jitpoġġew fil-pussess. L-ewwel Qorti ma kellhiex jedd li tordna l-bini mill-ġdid tal-ħajt diviżoju li iġġarraf b'kaz fortuwitu u ferm wara s-sentenza tat-18 ta' Lulju, 2014.

4. Fis-6 ta' Ġunju, 2019 l-atturi ippreżentaw tweġiba fejn spjegaw għalfejn l-appell għandu jkun miċħud. Isostnu li l-ħajt waqa' minħabba l-piż żejjed li tpoġġa fuqu mill-konvenut u nuqqas ta' manutenzjoni. Il-konvenut tawwal l-eżekuzzjoni tas-sentenza sabiex il-ħajt diviżorju jiġġarraf.

5. Mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-18 ta' Lulju, 2014 hu evidenti li l-ispoll li għamel il-konvenut kien jikkonsisti f'tqegħid ta' iktar ġebel fuq il-ħajt diviżorju. Il-Qorti qalet:-

> *"12. Għalhekk skont il-premessi tagħhom, l-ispoll jikkonsisti fil-fatt tat-tqegħid tal-kantuni li permezz tagħhom ġie imblokkat l-aċċess li kellhom għall-għalqa tagħhom.....*
>
> *"18. Din il-qorti ma taqbilx mal-mod kif irraġunat u ddeċidiet l-ewwel qorti. Anke jekk l-atturi ma ressqux provi biex jissostanzjaw dik il-parti tal-ewwel talba tagħhom, fejn qed jitolbu li jiġi dikjarat li l-konvenut daħal fl-għalqa tagħhom, il-punt ċentrali tal-allegat att spoljattiv kien it-tqegħid tal-kantuni fuq il-ħajt u l-konsegwenti imblokkar tal-mogħdija użata minnhom, li minnha kien jaċċedu għall-għalqa tagħhom, u mhux minn fejn kien għadda l-konvenut biex jagħmel dan.* ***Fil-fatt ir-rirpristinazzjoni mitluba tikonsisti***

> ***f'li kollox jitqiegħed fl-istat pristinu tiegħu; din hija riferenza ċara għat-tneħħija tal-kantuni ".***

6. Hu ċar li parti mill-ħajt diviżorju ġġarraf (ara ritratt a fol. 590-591). M'hemmx prova li l-ħajt diviżorju minħabba l-filati żejda li għamel il-konvenut. Dik hi biss supposizzjoni tal-atturi.

7. Ġialadarba parti mill-ħajt diviżorju ġġarraf, f'dik il-parti tal-ħajt m'hemmx iktar knaten x'jitneħħew sabiex l-atturi jerġgħu jitpoġġew fit-tgawdija tal-mogħdija li kien hemm fuq dak il-ħajt diviżorju.

8. L-ordni tal-ewwel Qorti sabiex dik il-parti tal-ħajt diviżorju li ġġarrfet terġa tinbena m'hijiex l-eżekuzzjoni li ordnat il-Qorti tal-Appell fis-sentenza li tat fit-18 ta' Lulju, 2014. B'dik is-sentenza l-konvenut kellu jneħħi l-knaten żejda li poġġa fuq il-ħajt diviżorju eżistenti u mhux li jerġa' jibni ħajt diviżorju. Il-parti tal-ħajt diviżorju li m'għadux jeżisti, iġġarraf sew wara li s-sentenza tat-18 ta' Lulju, 2014 saret ġudikat. Għaldaqstant, l-ordni li tat l-ewwel Qorti waqt is-seduta tat-23 ta' Mejju, 2019 ma kellha x'taqsam xejn mal-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell. Għalhekk l-ewwel Qorti tat ordni li ma kellha x'taqsam xejn mal-eżekuzzjoni tas-sentenza ta' din il-Qorti.

9. Fiċ-ċirkostanzi l-ordni li tat il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tat-18 ta' Lulju, 2014 dwar il-ħajt diviżorju, ma tistax tiġi eżegwita fir-rigward ta' dik

il-parti tal-ħajt li ġġarrfet. Mhux l-istess fir-rigward tal-kumplament tal-ħajt diviżorju.

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell tal-konvenut u tħassar l-ordni li tat l-ewwel Qorti waqt is-seduta tat-23 ta' Mejju, 2019. Spejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Tibgħat l-atti lura quddiem l-ewwel Qorti sabiex tagħti dawk l-ordnijiet li tqies li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex tiġi eżegwita is-sentenza tat-18 ta' Lulju, 2014 fir-rigward ta' dik il-parti tal-ħajt diviżorju li ma ġġarrafx.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr